# Il-Qima lejn l-Imqaddsa Verġni Marija tal-Qalb ta' Ġesù u l-Venerabbli Madre Margerita Debrincat

Dun Geoffrey G. Attard

Fis-seklu 14, Santa Briġida tal-Iżvezja kellha qima kbira lejn il-Qalb ta' Marija. Il-Mulej Ġesù rrivelalha ż-żewġt iqlub ta' Ommu l-Imqaddsa Verġni Marija u tiegħu u qalilha li huma magħqudin ħaġa waħda fih. 'Il-Qalb ta' Ommi, l-istess bħal dik tiegħi u aħna ħdimna għas-salvazzjoni tal-bnedmin: jien, permezz tat-tbatijiet tal-Ġisem tiegħi, hi, permezz tad-Duluri tal-Qalb Tagħha'.

San Franġisk de Sales, fit-trattat tiegħu *Fuq L-Imħabba ta' Alla*, elbora b'dan il-mod dwar l-imħabba tal-Verġni Marija: 'Ladarba l-imħabba eterna hija l-aktar waħda qawwija fost il-forom kollha tal-imħabba, u hija mħabba li qatt ma tegħja jew tistrieħ, mela allura kemm aktar kienet hekk fi ħdan il-Qalb ta' Omm hekk twajba u fil-qalb ta' dan Binha?' San Franġisk de Sales ippromwova kemm felaħ din id-devozzjoni fis-sena 1622.

San Ġwann Eudes (1601-1680) jista' mbagħad jitqies bħala l-mutur wara din id-devozzjoni, speċjalment qrib is-sena 1680. Permezz tal-predikazzjoni tiegħu, hu mexxa madwar Franza din il-qima u kiteb il-ktieb 'Il-Qalb Ammirabbli tal-Omm Qaddisa ta' Alla' li ħadlu għoxrin sena ta' ħidma biex kitbu. Lestih għalkollox tliet ġimgħat biss qabel il-mewt tiegħu. Kien iħobb jgħid: 'Il-Qalb ta' Ġesù u dik ta' Marija huma ħaġa waħda'.

Id-devozzjoni lejn il-Qalb Immakulata tal-Madonna kibret l-aktar wara d-dehra lil Santa Katerina Laboure, soru tal-Karita' f'Rue de Bac, f'Pariġi, f'Novembru tas-sena 1830. Din kienet l-okkażjoni li permezz tagħha ngħata bidu għall-kult tal-Midalja Mirakoluża tal-Immakulata Kunċizzjoni. Fuq naħa minnhom hemm ix-xbieha tas-Salib bl-inizjal 'M' fuqu u taħt is-salib hemm żewġt iqlub qrib ta' xulxin, wara bix-xewk madwarha u l-oħra minfuda b'xabla. Din kienet ix-xbieha tal-Qalb Imqaddsa u tal-Qalb Immakulata.

Dawn il-ġrajjiet kbar wasslu biex il-qima lejn il-Madonna tal-Qalb ta' Ġesù tieħu forma partikulari fid-djoċesi Franċiża ta' Bourges. Dan ir-reġjun kien fost l-aktar li bata fi żmien ir-Rivoluzzjoni Franċiża. Fis-sena 1854 saċerdot żagħżugħ Fr Jules Chevalier, li kien ilu tliet snin saċerdot, talab għal rimedju għal dak il-kaos u nuqqas ta' pjetà reliġjuża li sab ruħu fihom. Hu kien ċert li r-rimedju jinsab fil-Qalb ta' Ġesù. Hu rrifletta fuq il-gravità tas-sitwazzjoni u ħassu ispirat sabiex iwaqqaf il-Kongregazzjoni tal-Missjunarji tal-Qalb ta' Ġesù Ġesù, fl-istess ġurnata li Papa Piju IX, illum Beatu, xandar id-domma tal-Immakulata Kunċizzjoni. Dan kien fit-8 ta' Diċembru 1854. Din ma kinitx ko-inċidenza. Riżultat tal-imħabba li dan is-saċerdot kellu lejn il-Qalb ta' Ġesù, hu għamel pellegrinaġġ lejn il-qabar ta' Santa Margerita Marija Alacoque f'Paray-le-Monial u talab lil din il-qaddisa sabiex tiksiblu imħabba kbira lejn il-Qalb tal-Iben ta' Alla. Tlett snin wara, jiġifieri f'Mejju tas-sena 1857, hu ħass li għandu jġib 'il quddiem il-qima lejn is-Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù meta qal:

"Nixtiequ nroddu ħajr u nigglorifikaw lil Alla talli għażel lil Marija fost il-ħlejjaq kollha sabiex tifforma fil-ġuf verġinali tagħha l-Qalb adorabbli ta' Ġesù... nitolbu lil din l-Omm Verġni mimlija kompassjoni sabiex tmexxina lejn il-Qalb ta' Ġesù".


*Il-Knisja tas-Sultana tal-Qalb ta' Ġesù*




*Debrincat Attard family tree*

Papa Piju IX ħassu kuntent bit-tentattivi u l-isforzi kollha ta' Fr Chevalier, u esprima x-xewqa li jsir membru tal-Kongregazzjoni hu nnifsu u malfirma tiegħu żied dawn il-kelmiet: 'Piju XI li jixtieq iħobb l-Imqaddsa Verġni Marija'. Il-qima lejha ssaħħet fl-Italja u sas-sena 1972 kien hemm madwar 45 isqof Taljan li promwova l-qima lejn is-Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.

Il-qima li Madre Margerita kellha lejn il-Misteru tal-Ewkaristija kif ukoll lejn il-Qalb ta' Ġesù wasslitha sabiex tqim ukoll lill-Madonna taħt it-titlu tas-Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Il-Knisja tas-Sorijiet tagħha, il-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fi Triq Palma fir-Rabat Għawdex hija ddedikata lill-Madonna Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u hija l-unika waħda b'dan it-titular fid-djoċesi kollha ta' Għawdex.

